MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2007

Numru. 901/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY PORTELLI**

**KONTRA**

**GIANLUCA TORRES**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Gianluca Torres ta’ 34 sena, bin Giuzeppe u Giuseppina nee’ Mirabella, imwieled Sqallija nhar l-10 ta’ Frar, 1973, residenti fil-fond numru 31, Triq il-Gzira, Gzira, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 18571A;

Akkuzat talli gewwa Pembroke, bejn April u Lulju 2007, b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

Talli gewwa Pembroke, nhar is-26 ta' Lulju 2007 ghall-habta tal-5.20am, waqt li kien, ikkommetta serq ta' 105 euros u camera tar-ritratti digitali tal-ghamla Casio minn gewwa kamra numru 238 tal-lukanda SAS Radisson, Pembroke, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, bil-hin, u bil-mezz, u bil-valur li jeccedi l-mitt lira maltin (Lm100.00), izda li ma jeccedix l-Lm1,000.00 (elf lira maltin), u dan sar ghad-detriment ta' Richard Norman u/jew persuna ohra;

U aktar talli gewwa Pembroke, b'xi hin bil-lejl tat-12 u t-13 ta' Mejju, 2007, ikkommetta serq ta' flus kontanti, mobile phone tal-marka Nokia u oggetti ohra minn gewwa kamra numru 238 tal-lukanda SAS Radisson, Pembroke, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, bil-hin, bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-Lm100.00 (mitt lira maltin), izda li ma jeccedix l-Lm1,000.00 (elf lira maltin), u dan sar ghad-detriment ta' Eveline Syzdelko u/jew persuni ohra;

U aktar talli gewwa Pembroke, f'xi hin fil-lejl tal-14 u l-15 ta' April, 2007 ikkommetta serq ta' flus kontanti u oggetti ohra minn gewwa kamra numru 237, tal-lukanda SAS Radisson, Pembroke, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, hin u bil-mezz, u dan sar ghad-detriment ta' Matthew Paul Wicklund u/jew persuni ohra;

U fl-ahharnett talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati, Magistrat Dr Anthony J Vella BA, LL.D., MA datat 13 ta' Frar, 2006, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Wara li rat id-dokumenti ezebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi sabiex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li semghet lir-rapprezentant tal-Agenzija Sedqa;

Wara li rat l-Artikoli 49, 50, 289, 261, 263, 267, 269, 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti diga' kellha l-opportunita' li tisma' kawza ohra kontra l-istess imputat, u kienet fil-fatt sabet htija fih u kkundannatu ghal piena idonea. Hawn inkwetanti ferm li ftit taz-zmien wara l-istess imputat jerga' jitharrek il-Qroti fuq akkuzi ta' serq u ta' recidiva. Jidher ghalhekk li l-imputat assolutament ma fehemx il-gravita' ta' ghemilu u tal-hsara li qieghed ikun ghas-socjeta' ta' madwaru. Madankollu, il-Qorti semghet lir-rapprezentant tal-Agenzija Sedqa li kkonfermat li l-imputat jixtieq jibda program ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga, liema vizzju jidher li qieghed iwassal lill-imputat jikkommetti dawn ir-reati kollha. Dan ikkonfermah l-istess imputat li seduta stante talab lill-Qorti taghtieh l-ghajnuna ghal dan l-iskop. Huwa ghalhekk biss li l-Qorti, ghalkemm sejra taghti piena ta' prigunerija, sejra tillimita l-perjodu tal-istess, tal-inqas biex l-imputat – jekk verament jixtieq jaghmel dan il-programm, ikun jista' jaghmlu minn gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, u fl-istess hin ma jkunx aktar ta' periklu ghas-socjeta'.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat Gianluca Torres hati, u ghaldaqstant tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------